**– TALBA GHAL SOPRASESSJONI –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

Avviz tat-Talba numru: **84/2018**
fl-ismijiet:

**PERIT JOSEPH GRECH**

***VERSUS***

**RAMBULL COMPANY LIMITED**

**Illum, it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2022**

It-Tribunal;

Ra r-rikors tal-konvenuta tas-7 ta' Dicembru, 2021 (*a foll*. 203–205) illi permezz tieghu, u ghall-motivi fih imfissra, intalbet is-soprasessjoni tal-prezenti proceduri sakemm jigu decizi proceduri gudizzjarji ohra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet inverse, bir-referenza numru 987/2021/CFS;

Ra r-risposta ta' l-attur imressqa fis-7 ta' Jannar, 2022 (*a fol*. 216) illi tikkontjeni r-rezistenza ta' l-attur kontra s-sospensjoni ta' din il-kawza minhabba l-ezistenza tal-kawza l-ohra quddiem il-qrati susperjuri;

Ra wkoll dak registrat fil-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021 (*a foll*. 198–199) fejn id-difensuri tal-partijiet kienu, *a priori*, verbalizzaw il-posizzjonijiet rispettivi taghhom;

Jikkunsidra;

Fid-dawl ta' talba bhal dik odjerna, huwa necessarju li jigu sommarjament deskritti l-indoli taz-zewg procedimenti gudizzjarji, ossia in-natura ta' dak odjern u x'qed jintalab fih u n-natura tal-procediment l-iehor quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u x'inhi d-domandi fih.

Quddiem dan it-Tribunal ghandna professjonist li qed ifittex hlas ghas-servizzi minnu rezi lill-konvenuta. L-attur qed jallega li presta s-servizzi tieghu lill-konvenuta dwar sit ta' kostruzzjoni gewwa San Pawl il-Bahar u ghal tali servizzi qed jippretendi hlas fl-ammont ta' €4,000.86c. L-istanza attrici qed tigi opposta mill-kumpannija konvenuta ghax qed jigi allegat illi l-kumpannija m'ghandha thallas xejn mill-attur [eccezzjoni nru. 1] u dan peress li s-servizzi rezi gew ezegwiti hazin u/jew ma kienux servizzi moghtija b'mod komplet u b'korollarju ta' hekk, terzi individwi

kienu qed ifittxu gudizzjarjament lill-konvenuta tramite proceduri *ad hoc* ohra [eccezzjoni nru. 2] u anke l'ghaliex minhabba l-allegati nuqqasijiet ta' l-attur u anke minhabba s-servizzi moghtija mill-istess attur, il-konvenuta garrbet xi danni [eccezzjoni nru. 3].

Quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili – fil-kawza fl-ismijiet "Rambul Company Limited v. Perit Joe Grech" bir-referenza numru 987/2021/CFS (ara *a foll*. 206–208) – il-kumpannija attrici qed tallega illi kien gie ffirmat ftehim t'appalt bejn il-partijiet u terzi [premessa nru. 3] illi fih kienu ftehmu dwar l-andament tal-kostruzzjoni tas-sit gewwa San Pawl il-Bahar, dwar id-dizinji ta' pjanti, dwar applikazzjonijiet ma' awtoritajiet u l-otteniment ta' permessi, dwar twaqqigh ta' bini u r-rikostruzzjoni ta' binja ohra [premessa nru. 2] u li fih kien hemm specifikat zmien illi fih kellu jitlesta l-imsemmi progett edilizzju [premessa nru. 4], liema zmien ma giex rispettat [premessa nru. 5]. Qed jigi allegat ukoll illi kienu inhargu certifikati dwar xoghol 'extra' li qatt ma kellhom jinhargu l'ghaliex kienu diga' inkluzi fil-ftehim originali u li abbazi ta' hekk inhargu kontijiet zbaljati min-naha tal-perit konvenut [premessa nru. 6]. Qed jigu wkoll kontiz illi l-perit konvenut kien kiser il-ftehim t'appalt ghax, allegatament u fost diversi affarijiet ohra, hu naqas milli jissupervizjona t-twettieq tax-xoghlijiet u minhabba f'hekk ix-xoghol ma sehhx skond is-sengha u l-arti [premessa nru. 7]. Fuq il-bazi ta' dawn l-allegazzjonijiet il-kumpannija hemmhekk attrici qed titlob dikjarazzjoni ta' responsabbilità, il-kwanfifikazzjoni ta' hsarat u l-konsegwenti kundanna ghall-hlas da parti tal-perit konvenut.

Ghalhekk, mill-ottika ta' dan it-Tribunal, jidher illi l-progett ta' San Pawl il-Bahar illum huwa l-isfond ta', almenu, zewg procedimenti gudizzjarji – f'wiehed, dak odjern, il-perit jippretendi li jithallas ghall-prestazzjoni ta' servizzi professjonali moghtija minnu lill-kommittent, filwaqt li fl-iehor il-kommittent tal-istess perit qed tezigi, *inter alia*, dikjarazzjoni ta' inadempiment tal-ftehim t'appalt li minnu gew skatenati pregudizzji ekonomici u/jew danni minhabba l-ghemil tal-perit inkarigat mill-progett.

Jibda' biex jigi osservat, bi preambolu, dak li gej dwar talba ritwali bhal dik li tehtieg il-kumpannija konvenuta permezz tar-rikors taghha tas-7 ta' Dicembru, 2021.

Ma jidhirx li fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) tezisti disposizzjoni li espressament tikkontempla l-istitut tas-sospensjoni tal-proceduri jew, kif maghruf, tas-soprasessjoni tal-kawzi.[1] Jirrizulta illi tali istitut hu inferit u/jew dezunt mil-lokuzzjoni ta' l-Art. 792 u ta' l-Art. 793 ta' l-istess Kodici. Dawn jitkellmu dwar is-smigh fl-istess waqt ta' z-zewg procedimenti gudizzjarji li jkun hemm rabta bejniethom (i.e., konnessjoni ta' kawzi).

Madanakollu, fil-Ligi specjali li tohloq u tirregola l-prezenti Tribunal, hemm disposizzjoni *ad hoc* li titkellem dwar is-soprasessjoni ta' kawzi. Skond l-Art. 7(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, "*It-Tribunal għandu jissospendi l-proċedimenti tiegħu jekk* […] *ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-eżitu tagħha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu.*"

---

[1] Fid-decizjoni *in re* **Maria Ewkaristika Farrugia et v. L-Avukat Generali** (Prim'Awla [sede kostituzzjonali], 27 ta' Frar, 2018) inghad hekk: "*Il-Qrati taghna sostnew li s-sistema guridika taghna tikkontempla biss l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens u l-konnessjoni ta' azzjonijiet, u li s-soprasessjoni bhala istitut kienet giet introdotta biss permezz tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u wara bl-Art 4(3) tal-Kap 319 fil-kuntest ta' riferenza*." Ara wkoll *in re* **Onor. Imh. Dr. Anton Depasquale v. Onor. Prim Ministru** (Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Lulju, 1994).

Issa, nonostanti tali nuqqas ta' disposizzjoni fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-Qrati taghna pronunzjaw ruhhom dwar tali materja u l-pronunzjamenti dwarha huma numerevoli. Is-segwenti hi deskrizzjoni konciza tal-principji bazici tal-kwezit, applikabbli *mutatis mutandis* ghal kawzi quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

Principju kardinali fil-procedura civili Maltija huwa li kawza ghandha tinbeda u ghandha tibqa' tinstemgha sa ma tinqata'. Il-provvediment ta' soprasessjoni hu mizura eccezzjonalissima billi tiffrena l-andament normali ta' kif il-kawzi ghandhom jimxu (*cfr*. **Angelo Mallia et v. David Mallia et**, Prim'Awla, 31 ta' Mejju, 2004)**.** Il-mizura ta' soprasessjoni – li hi wahda ta' natura eccezzjonali – hi ammessa u ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti, fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra hija tali li d-decizjoni tista' tinfluwixxi *a planta pedis* fuq il-meritu tal-azzjoni prezenti (*cfr*. **Carmelo Calamatta et vs Mario Darmenia et** (Appell Inferjuri, 12 ta' Novembru, 2003). Ghalhekk, in linea generali, huwa pacifiku illi l-provvediment tas-soprassessjoni huwa ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa din is-soluzzjoni. Tali provvediment ordinatorju u ta' indoli aleatorju (*cfr*. **Joseph Camilleri noe v. Joseph Vassallo Gatt pro et noe**, Prim'Awla, 23 ta' Mejju, 1997) huwa rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi specjali tal-kaz (*cfr*. **Francis Xuereb pro et noe v. Kontrollur tad-Dwana** (Appell Inferjuri, 10 ta' Ottubru, 2005).

Addizzjonalment, l-istess provvediment m'hemmx bzonn li jigi skatenat minn xi eccezzjoni formali imqanqla fir-Risposta tal-parti imharrka fil-gudizzju, l'ghaliex is-soprasessjoni – bhala provvediment ordinatorju – tista' tintalab anke verbalment waqt is-smigh tal-kawza (*cfr*. **Ehealth Limited v. Sergio Giglio et**, Prim'Awla, 23 ta' Mejju, 2018). In fine, apparti wiehed ordinatorju, provvediment bhal dan huwa meqjus bhala wiehed interlokutorju (*cfr*. **Carmelo Mallia et v. Andrew Bezzina et**, Appell Superjuri, 22 ta' Mejju, 1989) u, ghalhekk, ma jorbotx lill-Qorti (jew lit-Tribunal) li tkun tatu jekk eventwalment tqum il-htiega li tibdel il-fehma taghha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raguni tajba biex taghmel dan (*cfr*. **Valfracht Roro Line Ltd v. Dr. Louis Cassar Pullicino noe**, Prim'Awla, 10 ta' April, 2003).

It-Tribunal ma waqaftx solament ghal kif l-istitut gie interpretat mill-qrati domestici, izda wettaq ricerka u indagni ulterjuri fis-sistema l-aktar ritwalment vicina (jew simili) ghal dik Maltija, ossia fis-sistema procedurali Taljana.[2] Id-disposizzjoni pertinenti f'dan ir-rigward hi rakkjuza fl-Art. 295

---

[2] Inhasset il-htiega li t-Tribunal idur lejn id-duttrina legali u decizjonijiet esteri proprju ghaliex fin-nuqqas ta' illuminazzjoni mill-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali esteru. Dan ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et v. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubblikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle et** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez*. Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez*. Vol. VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez*. Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*". Tali osservazzjonijiet tal-Qrati taghna jista' jkun sehhew minhabba fatt ferm interessanti li mat-trapass taz-zmien, forsi, qed jintesa. Il-*Codice Municipale di Malta*, komunement maghruf bhala l-*Code de Rohan*, promulgat fl-1784 mill-Gran Mastru de Rohan-Polduc, qatt ma gie legislittivament abbrogat bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, ossia l-Kodici Civili li illum jinsab katalogat fil-Kapitolu 16 tal-Legislazzjonijiet domestici (*vide* **Fortunata Azzopardi v. Capt. Salvatore Azzopardi**, Appell Civili, 11 ta' Gunju, 1875 - Decisione N° 346 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)-421; **Gentiluomo Filippo Zammit v. Michelina Pisani Demajo**, Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1875 - Decisione N° 334 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)-401 u l-istudju intitolat "Maltese Legal History Under British Rule

tal-Kodici ta' Procedura Civili Taljan intotolata «Sospensione necessaria». Tali disposizzjoni tghid hekk: "*Il giudice dispone che il processo sia sospeso in ogni caso in cui egli stesso o altro giudice deve risolvere una controversia, dalla cui definizione dipende la decisione della causa*." Tali disposizjoni giet interpretata fis-segwenti manjiera mill-ghola qrati Taljani:

- "*Per la sospensione necessaria del giudizio ex art. 295, non è sufficiente che fra due liti sussista una mera pregiudizialità logica, ma occorre l'esistenza di un obiettivo rapporto di pregiudizialità giuridica che ricorre solo quando la definizione di una controversia costituisca l'indispensabile antecedente logico-giuridico dell'altra, il cui accertamento debba avvenire con efficacia di giudicato. La ratio della norma va individuata, infatti, nell'esigenza di evitare il conflitto di giudicati, il quale non ricorre quando il possible contrasto riguarda non il giudizio, ma soltanto gli effetti pratici dell'una o dell'altra pronuncia.*" (*cass. civ.* nru. 12198/1998; nru. 8584/1996; nru. 2905/1997; nru. 10182/1997; nru. 3059/1999; nru. 1230/2000; nru. 6792/2000; nru. 14795/2000 – *cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, edizjoni CEDAM, 2007; p. 1204);

- "*In tema di sospensione necessaria del processo, l'art. 295, stabilendo che essa deve essere ordinata in tutti i casi in cui la decisione della controversia dipenda dalla definizione di un'altra causa, non postula un mero collegamento tra le due emanande sentenze, ma richiede l'esistenza di un vincolo di conseguenzialità, in virtù del quale uno dei due giudizi, oltre ad essere in concreto pendente ed a coinvolgere le stesse parti, deve investire una questione di carattere pregiudiziale per la definizione dell'altro, ovvero un indispensabile antecedente logico-giuridico atto a condizionare l'esito del processo da sospendere, in modo che possa astrattamente configurarsi l'ipotesi del conflitto di giudicati.*" (*cass. civ.* nru. 16137/2004 – *ibid.,* p. 1205);

- "*Sotto questo profilo, la nozione di dipendenza equivalga a quella di alternatività, ravvisabile ove il possible esito di uno dei due giudizi sia intrinsicamente incompatibile con l'accertamento richiesto nell'altro.*" (*cass. civ.* nru. 6792/2000 u nru. 8819/2001 – *ibid.,* p. 1205);

- "*La sospensione necessaria del processo non può essere disposta nell'ipotesi di contemporanea pendenza davanti a due giudici diversi del giudizio sull'*an debeatur *e di quello sul* quantum*, fra i quali esiste un rapporto di pregudizialità solamente in senso logico.*" (*cass. civ.* nru. 4844/1996 u nru. 5006/2002 – *ibid.,* p. 1205);

---

(1801-1836)" ta' l-**ONOR. IMHALLEF HUGH W. HARDING** [Malta, 1980; p. 2 *et seqq*.]), jikkontjeni disposizzjoni ferm singolari. L-Artikolu XXXVII tal-*Codice Municipale di Malta* [disposizzjoni li hi misjuba taht Libro Primo «DE' TRIBUNALI COMPETENTI, MAGISTRATI, ED ALTRI OFFICIALI, E DE' PUBLICI OFFICJ», Capo Ottavo (VIII) intitolat «DEL TRIBUNALE COLLEGIATO E DELLA SUA EREZIONE E COMPETENZA»] jghid li l-gudikant ma jistax "*servirsi di veruna potestà arbitraria, quante volte non sarà regolata da quello che si dispone dalle leggi municipali, ed in loro difetto dalle leggi comuni, e ne'casi controversi e dubbi dalle* ***opinioni abbracciate ne' Supremi e piú accreditati tribunali***." [enfazi mizjuda minn dan it-Tribunal]. L-ispirtu ta' l-Artikolu XXXVII jassomilja, xi ftit jew wisq, lill-Artikolu 12 fil-Kodici Civili Taljan (parti intitolata «DISPOSIZIONI SULLA LEGGE IN GENERALE», Art. 12, 2º comma), li jghid hekk: "*Se una controversia non può essere decisa con una precisa disposizione, si ha riguardo alle disposizioni che regolano casi simili o materie analoghe; se il caso rimane ancora dubbio, si decide secondo i princìpi generali dell'ordinamento giuridico dello Stato*.". F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara **BIAGIO ANDÒ**, "The Mélange of Innovation & Tradition in Maltese Law: The Essence of the Maltese Mix?" 2012; Vol. 15, Nº 3 - disponibbli ukoll fuq il-*web*: http://www.saflii.org/za/journals/PER/2012/36.pdf).

- "*L'art. 295, nel testo novellato dalla l. 353/90, laddove prevede la sospensione del processo civile quando la decisione «dipenda» dalla definizione di altra causa, allude ad un vincolo di stretta ed effettiva conseguenzialità fra due emanande statuizioni e, quindi, in coerenza con l'obbiettivo di evitare un conflitto fra giudicati, non ad un mero collegamento fra le dette situazioni, per l'esistenza di una coincidenza od analogia di riscontri fattuali o di quesiti in diritto da risolvere per la loro adozione, bensì ad un collegamento per cui l'altro giudizio (civile, penale od amministrativo), deve essere pendente in concreto ed coinvolgere le stesse parti*." (*cass. civ.* nru. 5082/1999 u nru. 5083/1999 – *ibid.,* p. 1206);

- "*Il rapporto di pregudizialità, che, ai sensi dell'art. 295, impone al giudice la sospensione del processo, non può configurarsi nella ipotesi di processi pendenti tra soggetti diversi, perché la pronuncia in un giudizio non può far stato nei confronti delle diverse parti di un altro giudizio e quindi costituire il necessario antecedente logico-giuridico della relativa decisione.*" (*cass. civ.* nru. 6676/1988; nru. 250/1996; nru. 7079/2005; u nru. 15017/2005 – *ibid.,* pp. 1206–1207);

- "*L'indicata situazione non è ravvisabile quando non vi sia coincidenza delle parti delle sue contese, perché i limiti soggettivi del giudicato sostanziale ostano a che la decisione dell'una causa possa determinare la decisione dell'altra.*" (*cass. civ.* nru. 661/2000; nru. 7280/2001; u nru. 858/2003 – *ibid.,* p. 1206).

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, it-taghlim li johrog minn dawn il-ftit pronunzjamenti esteri[3] jattalja sew ma' dak it-taghlim lokali deskritt aktar 'il fuq. Entrambi qed jghidu l-istess identika haga u entrambi jikkunsidraw il-provvediment ta' soprasessjoni bhala mizura ritwali/procedurali eccezzjonali, t'indoli specjali u applikabbli f'certi kazijiet singolari meta huwa palezi li gudizzju wiehed jaf jinfluwixxi negattivament fuq l-iehor jew jaf ikun hemm frizzjoni bejniethom.

In sintesi, dak postulat f'dawn il-pronunzjamenti esteri huwa dan. Biex procediment gudizzjarju jkun temporanjament sospiz sakemm jigi definittivament deciz procediment gudizzjarju iehor quddiem awtorità gudizzjarja ohra bejn l-identici partijiet, huwa mehtieg li jkun hemm grad ta' inter-dipendenza intrinsika bejn il-merti taz-zewg procedimenti u li tali inter-dipendenza, jew konnessjoni bejn iz-zewg vertenzi, ikunu marbuta b'ness logiku-guridiku, ossia li l-mertu ta' kawza jkun guridikament jinpingi u/jew jinfluwixxi fuq l-iehor, li jaf iwassal ghal pregudizzju guridiku jekk ma' jkunx hemm is-sospensjoni ta' procedura wahda tistenna l-ezitu ahhari ta' l-ohra.

Izda meta l-eventwali ezitu ta' gudizzju wiehed jaf ikollu effett merament logiku (i.e, ta' pratticità) fil-konfront ta' l-iehor, is-sospensjoni m'hijiex necessarja u, allura, m'hemmx lok ghaliha u dan l'ghaliex ma hemmx il-pregudizzju li tinholoq diskordja bejn zewg pronunzjamenti gudizzjarji. F'tali ipotezi izda, u se mai, ikun hemm lok ghal kompensazzjoni t'indoli fattwali bejn zewg gudizzji, ossia meta tirrikorri c-cirkostanza li l-kuntrast bejn iz-zewg procedimenti ma jikkoncernax il-gudizzju, imma biss l-effetti pratici ta' pronunzja fil-konfront ta' l-ohra. Bhala ezemplari ta' dan, fost bosta ohra, wiehed huwa mistieden jara is-sentenza *in re* **Joseph Gaffarena et v. Mixer Concrete Works Limited et** (Prim'Awla, 27 ta' Mejju, 2005) u l-

---

[3] Issir referenza wkoll ghall-opra intitolata "La Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile" (Libro II: Artt. 163-322) ta' **GIORGIO STELLA RICHTER** u **PAOLO STELLA RICHTER** (Giuffrè, 2006; pp. 736–740) li titratta l-istess identici principji u ohrajn maghhom kollegati. Ta' min jara wkoll "Diritto Processuale Civile" (Vol. II) ta' **CRISANTO MANDRIOLI** u **ANTONIO CARRATTA** (G. Giappuchelli, 26ª ed., 2017; p. 348 *et seqq.*) fejn is-suggett hu ulterjorment diskuss b'referenza ghall-gurisprudenza u awturi/guristi, kemm passati u kif ukoll kontemporaneji.

kummenti *obiter* fis-sentenza ta' dan it-Tribunal *in re* **AMG Cold Stores Limited v. Barbuto Limited** deciza fil-5 ta' Novembru, 2020.

Ferma tali introduzzjoni dwar it-tematika *de quo*, dan it-Tribunal jkompli josserva hekk.

Iz-zewg procedimenti huma bejn l-istess partijiet li kienu dahlu f'legam kuntrattwali (i.e., ta' appalt) u l-istorja fattwali ta' wara z-zewg procedimenti hi, essenzjalment, wahda unika, komuni ghal entrambi, b'hafna fattezzi u aspetti f'kuntatt intimu bejniethom.

Skond dan it-Tribunal, jezisti certu grad ta' interdipendenza bejn il-kunsiderazzjonijiet – kemm guridici u kif ukoll fwatali – li ghandhom isehhu fiz-zewg kawzi. Fil-fehma tat-Tribunal, ghalhekk, hemm l-imsemmija inter-dipendenza logiko-guridika jew konsegwenzjalità li tinnecessita s-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri sakemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tiddeciedi l-vertenza l-ohra bejn l-istess kontendenti fil-kawza numru 987/2021/CFS. Dan ghax hemmx l-estremi kontemplati fic-citat Art. 7(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan it-Tribunal jissoprasjedi. Dan ghar-ragunijiet li gejjin *infra*.

Ghat-Tribunal aspett primarju li ghandu jigi necessarjament intrattenut fiz-zewg kawzi huwa l-adempiment kuntrattwali tal-Perit Joseph Grech. L-adempiment jew l-allegat inadempiment[4] da parti ta' l-imsemmi perit hija tema fundamentali u centrali ghaz-zewg procedimenti, dak odjern u l-iehor quddiem il-qrati superjuri. Fil-kawza taghna d-determinazzjoni ta' tali tematika hija necessarja sabiex il-perit jithallas ghas-servizzi minnu rezi, filwaqt li fil-kawza l-ohra l-istess tematika hi fundamentali sabiex l-allegazzjonijiet attrici jigu akkolti jew le.

Sabiex dan it-Tribunal jasal ghad-decizjoni illi jakkorda xi kumpens ghas-servizzi prestati mill-attur lill-konvenuta, huwa intrinsikament mehtieg li dan it-Tribunal jiddeciedi jekk kienx hemm adempiment gust u tajjeb, adempiment komplet u adempiment 'rite et recte' da parti tal-attur. Dan huwa wara kollox is-sinsla wara l-ewwel talba attrici fil-proceduri quddiem dan it-Tribunal, illi tezigi dikjarazzjoni gudizzjarja li l-attur provda servizzi peritali lill-kumpannija konvenuta. Huwa naturali illi sabiex dan it-Tribunal jasal jakkorda dak pretiz mill-attur, it-Tribunal ghandu jaddetra ruhu fin-natura tal-prestazzjoni professjonali reza u jara jekk, fic-cirkostanzi prevalenti u ppruvati tal-kaz, tali servizzi kienux skond l-obbligi kuntrattwalment mistennija bejn il-partijiet u dan, *inter alia*, anke fid-dawl tal-massima "omnia labor optat premium" ("ogni fatica merita ricompensa") li tfisser illi x-xoghol prestat ghandu jigi rikompensat.[5]

---

[4] B'mod generali, jinghad illi l-adempiment jikkonsisti f'ezekuzzjoni a favur tal-kreditur tal-prestazzjoni dovuta mid-debitur. L-adempiment jestingwi l-obbligazzjoni u cioè l-kreditur jkun sodisfatt u d-debitur jisfa liberat mill-vinkolu. Biex dan ikun hekk, l-adempiment irid ikun ezatt u cioè konformi ghal dak indikat a bazi ta' l-obbligazzjoni bejn il-partijiet; intier u cioè konformi ghan-normi mifthema, generici jew specifici, ta' kwalità u kwantità; fil-post jew fiz-zmien previsti ghall-adempiment ta' l-obbligazzjoni. Ghal approfondiment dwar tali tematika ara "Inadempimento Delle Obbligazioni" ta' **Luigi Viola** (CEDAM editori, 2010; p. 67 *et seqq*.). Min-naha l-ohra, l-infrazzjoni ta' l-adempiment taghti spazju ghall-inadempiment kontrattwali, ossia id-devjazzjoni fil-kondotta ta' kontraent di fronti ghal dak il-programm stabbilit fil-legam li jorbot il-kontraenti. Tali devjazzjoni taf tirrigwarda l-entità tal-prestazzjoni (taghti jew taghmel anqas minn dak kontrattat); il-mod (taghti jew taghmel aghar minn dak kontrattat); jew iz-zmien (tonoqs milli taghti jew taghmel fil-hin dak mifthiem). Ghal studju ulterjuri fuq din il-materja ara "La Risoluzione Per Inadempimento" ta' **Marco Rossetti** (Giuffrè editori, 2012; p. 99 *et seqq*.).

[5] Infatti, jinsab maghruf illi, "*Ma jista' qatt ikun dubitat in linea ta' prinċipju illi sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għall-vantaġġ ta' ħaddieħor, hu intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi omnia labor optat premium.*" (**Nicky Saliba v. Kunsill Lokali Nadur**, Appell Superjuri, 2 ta' Marzu, 2010). Ghal kull bwon fini, ara wkoll *in re* **Ann Downer v. Sue Caruana** (Prim'Awla, 26 ta' Novembru, 2018).

Issa, il-materja ta' l-adempiment gust u tajjeb, ta' l-adempiment komplet u ta' l-adempiment 'rite et recte' da parti tal-attur huma 'messi in dubio' mill-konvenuta kemm f'dawn il-proceduri (*vide* tieni eccezzjoni) u d-deficjenza taghhom hi palezement sottolinejata fil-procediment quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Huwa naturali illi l-fulkru tad-dibattitu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ser ikun l-allegat inadempiment tal-professjonist li minnu gew allegatament generati danni illi taghhom l-kumpannija attrici tippretendi indenniz. Minn tali perspettiva, dan it-Tribunal jidhirlu illi l-kwistjoni involuta fil-kawza superjuri hija tali li d-decizjoni taghha tista', direttament jew le, tinfluwixxi "a planta pedis" fuq il-meritu tal-kawza odjerna.

Ghalhekk, ikun prudenti u idoneju illi l-ewwel jigu definiti l-proceduri l-ohra quddiem il-qrati superjuri qabel ma' dawk prezenti jissoktaw u dan sabiex jigu evitati sitwazzjonijiet fejn zewg pronunzjamenti bejn l-istess partijiet jaghtu lok ghal xi diskordja guridiko-legali.

Huwa vera li l-prezenti proceduri sejrin, sfortunatament, jitwalu b'konsegwenza tas-sospensjoni tal-procediment, izda dak li ma jridx dan it-Tribunal huwa li jhaffef l-andament ta' kawza sabiex jakkomoda l-ezigenzi ta' xi parti (*vide* dak asserit mill-attur fil-verbal tas-17 ta' Novembru, 2021 u dak imfisser fir-risposta tieghu tas-7 ta' Jannar, 2022) u l-eventwali sentenza Tieghu ma tkunx in sintonija mad-decizjoni futura li ser temetti l-qorti l-ohra. Dak li ma jridx dan it-Tribunal huwa li – u dan ser jinghad bhala ezemplari biss – fil-prezent prossimu jilqa' talba ghal hlas, mentri l-Prim'Awla tal-Qorti Civili taf tiddikjara fis-sentenza taghha illi l-perit kien inadempjenti fl-ghotja tas-servizzi tieghu jew li fil-prezent immedjat dan it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet kontra l-istanza attrici, mentri l-Prim'Awla tal-Qorti Civili taf tiddikjara fid-decizjoni eventwali taghha li l-azzjoni mressqa mill-kommittent ma kinitx meritevoli t'akkoljiment stante li l-perit kien adempjenti fil-mansjonijiet professjonali tieghu.

Tali diskordja bejn decizjoni u ohra ahjar tigi, prudentement, skansata u evitata u dan jista' jsehh biss bit-twaqqif temporanju ta' dawn il-proceduri. F'tali cirkostanzi, ikun ahjar li parti tistenna ftit aktar milli tkun pregudikata bl-emissjoni ta' pronunzjamenti li jafu jghidu oggetti differenti dwar l-istess identika materja jew dwar xi aspett iehor incidentali jew accessorju ghaz-zewg vicendi processwali (partikolarment dwar l-adempiment u/jew l-inadempiment ta' l-obbligazzjoni).

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal qed jilqa' t-talba maghmula mill-kumpannija konvenuta fir-rikors taghha tas-7 ta' Dicembru, 2021 u jordna li, ghar-ragunijiet imfissra f'dan id-digriet, din il-kawza ghandha tigi sospiza sakemm jigu finalment decizi l-proceduri gudizzjarji l-ohra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet inversi bir-referenza numru 987/2021/CFS. Jordna wkoll illi in vista ta' dan, il-prezenti kawza tigi ri-appuntata biex tissokta, u dan fuq talba b'rikors minn wahda mill-partijiet u dan, naturalment, wara li l-proceduri gudizzjarji quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet inversi bir-referenza numru 987/2021/CFS jghaddu in gudikat.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*